**A.L. 215 tal-2020**

## ATT DWAR SOĊJETAJIET KOPERATTIVI (KAP. 442)

## Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 17 u 108 tal-Att dwar l-Għaqdiet Koperattivi, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mas-soċjetajiet koperattivi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperattivi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperattivi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 442.04.

**2.** Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej: Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn tkun iddikjarata emerġenza fis-saħħa pubblika skont l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Bord għandu jissospendi l-perijodu meta jimponi l-pieni u s-sanzjonijiet amministrattivi stabbiliti fl-Iskeda relatati mal-ksur tal-Artikoli 48, 64 (1) u 65 (1) tal-Att, sa ħamsa u erbgħin (45) jum wara li l-emerġenza fis-saħħa pubblika titneħħa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.". Kap. 465.